Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2023/2085(INI)

30.11.2023

OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar iċ-ċittadinanza tal-UE
(2023/2085(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Beata Kempa

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jinnota li madwar 50 miljun persuna jappartjenu għal minoranza nazzjonali jew lingwistika fl-UE; jinnota li l-Kummissjoni ma ħadet l-ebda pass leġiżlattiv bi tweġiba għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Minority SafePack – Miljun firma favur għad-diversità fl-Ewropa", minkejja l-fatt li kellha l-appoġġ ta' maġġoranza kbira tal-Membri tal-PE;

2. Jinnota li d-dritt għal-libertà ta' moviment u l-eżerċitar tiegħu huwa ċentrali għaċ-ċittadinanza tal-UE; jinnota li l-ħolqien taż-żona Schengen huwa wieħed mill-akbar kisbiet tal-proċess ta' integrazzjoni Ewropea u jsaħħaħ bil-kbir il-libertà ta' moviment fi ħdan l-UE; jinnota li fil-konklużjonijiet tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2011, il-Kunsill ikkonferma l-konklużjoni b'suċċess tal-proċess ta' evalwazzjoni u t-tħejjija teknika tal-Bulgarija u tar-Rumanija biex jaderixxu maż-żona Schengen;

3. Ifakkar li ċ-ċittadinanza tal-UE, skont it-Trattati tal-UE, hija marbuta mill-qrib man-nazzjonalità ta' Stat Membru u hija dipendenti fuqha, u li din hija kompetenza esklużiva ta' kull Stat Membru; jirrimarka li ma hemm l-ebda mod ieħor kif tinkiseb iċ-ċittadinanza tal-UE ħlief billi tinkiseb in-nazzjonalità ta' Stat Membru;

4. Iqis li ċ-ċittadinanza tal-UE tinkludi l-identità demokratika Ewropea komuni u kondiviża u d-drittijiet, id-dmirijiet u l-libertajiet speċifiċi marbuta magħha, u li l-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet isaħħaħ ir-rabta taċ-ċittadini mal-UE;

5. Ifakkar li l-Artikolu 20 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jiddefinixxi ċ-ċittadinanza tal-Unjoni li hija bbażata fuq iċ-ċittadinanza ta' Stat Membru; jissottolinja l-importanza li din is-sistema tkompli tiġi applikata, anke wara reviżjonijiet futuri possibbli tat-Trattat;

6. Jitlob lill-UE tippromwovi l-adozzjoni ta' Karta Ewropea dwar id-Drittijiet Diġitali, inklużi d-drittijiet taċ-ċittadinanza diġitali, li tibni fuq id-Dikjarazzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Prinċipji Diġitali għad-Deċennju Diġitali;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta komunikazzjoni ġdida li tiċċara ċerti kunċetti ewlenin li jinsabu fid-Direttiva 2004/38/KE[1] dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-UE u l-familji tagħhom li jiċċaqilqu u jgħixu liberament fl-UE, sabiex tipprovdi lill-Istati Membri linji gwida aġġornati li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-implimentazzjoni tad-Direttiva fil-livell nazzjonali, u b'hekk jibbenefikaw iċ-ċittadini tal-UE u l-membri tal-familja tagħhom;

[1] Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77).

8. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta, mingħajr aktar dewmien, proposta biex taġġorna u ttejjeb id-Direttiva dwar il-Protezzjoni Konsulari[2], inkluż billi tagħti lid-delegazzjonijiet tal-UE rwol aktar attiv fl-assistenza liċ-ċittadini mhux rappreżentati tal-UE li jgħixu jew jivvjaġġaw barra mill-UE;

9. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kunsill Ewropew jieħdu l-azzjoni meħtieġa biex jiżguraw li l-pajjiżi li jissodisfaw il-kriterji tekniċi biex isiru membri taż-żona Schengen jingħataw il-permess li jissieħbu, biex b'hekk iċ-ċittadini kollha tal-UE jitħallew igawdu l-libertà ta' moviment u jtejbu s-sens tal-identità Ewropea.

10. Jistieden lill-Kummissjoni tfittex b'mod attiv ftehimiet reċiproċi dwar il-viża ma' pajjiżi mhux tal-UE u l-Istati Membri kkonċernati biex tiżgura trattament ugwali u tiddefendi l-prinċipju tar-reċiproċità tal-viża, filwaqt li tippromwovi l-mobbiltà u d-drittijiet taċ-ċittadini kollha tal-UE;

11. Jistieden lill-Istati Membri jinfurmaw liċ-ċittadini mobbli tal-UE, fil-mument tar-reġistrazzjoni fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom, dwar id-drittijiet elettorali tagħhom u l-proċeduri elettorali rigward l-elezzjonijiet Ewropej u muniċipali, u joffrulhom l-opzjoni li jirreġistraw immedjatament bħala votanti;

12. Iħeġġeġ lill-Kunsill jadotta malajr ir-reviżjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill dwar id-drittijiet elettorali taċ-ċittadini mobbli tal-Unjoni fl-elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew[3] u tad-Direttiva tal-Kunsill dwar id-drittijiet elettorali taċ-ċittadini mobbli tal-Unjoni fl-elezzjonijiet muniċipali[4], f'konformità mal-pożizzjoni approvata mill-Parlament;

13. Jenfasizza li l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom iħeġġu aktar sensibilizzazzjoni, għarfien u fehim tad-drittijiet u l-libertajiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-UE tagħhom u jenfasizza li għad hemm nuqqasijiet sostanzjali fl-applikazzjoni prattika taċ-ċittadinanza tal-UE; iqis li sabiex jintlaħaq aħjar il-potenzjal taċ-ċittadinanza tal-UE, l-UE għandha tieħu passi biex tiggarantixxi l-protezzjoni tal-valuri li fuqhom hija msejsa l-UE; ifakkar li l-protezzjoni tal-minoranzi, inklużi nazzjonali u lingwistiċi, hija valur fundamentali u fl-istess ħin kompitu mill-akbar għall-Unjoni Ewropea;

14. Jistieden lill-Istati Membri jimmassimizzaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini kollha tagħhom, inklużi l-gruppi soċjalment vulnerabbli, billi jsaħħu d-drittijiet elettorali tagħhom permezz ta' kampanji ta' sensibilizzazzjoni, jinkoraġġixxu l-parteċipazzjoni tagħhom fid-dibattiti pubbliċi u jimplimentaw arranġamenti xierqa mfassla apposta għall-proċeduri ta' votazzjoni nazzjonali tagħhom biex jiffaċilitaw il-votazzjoni minn persuni li huma membri ta' gruppi emarġinati, minoritarji jew vulnerabbli u li jiffaċċjaw diffikultajiet fil-votazzjoni, pereżempju billi jagħtu l-opzjoni li jagħżlu l-postijiet tal-

[2] Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/637 tal-20 ta' April 2015 dwar il-miżuri ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni biex tiġi ffaċilitata l-protezzjoni konsulari għal ċittadini mhux rappreżentati tal-Unjoni f'pajjiżi terzi u li tħassar id-Deċiżjoni 95/553/KE (ĠU L 106, 24.4.2015, p. 1).

[3] Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Kunsill li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (COM(2021)0732).

[4] Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali minn ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (COM(2021)0733).

votazzjoni u jużaw teknoloġiji, formati u tekniki ta' assistenza; jistieden lill-Istati Membri, barra minn hekk, jippermettu lill-persuni b'diżabbiltà, fuq talba tagħhom, jirċievu assistenza fil-votazzjoni minn persuna tal-għażla tagħhom u jagħmlu ħilithom biex jipprovdu l-opzjoni ta' votazzjoni bil-posta, u possibbilment jiffaċilitaw aktar il-votazzjoni fiżika, il-votazzjoni bi prokura u l-votazzjoni elettronika u online;

15. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri biex iżommu l-proċessi elettorali tagħhom ħielsa mill-estremiżmu, it-tixrid ta' diżinformazzjoni u l-indħil barrani;

16. Ifakkar li d-dritt għall-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika u l-obbligu li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet jittieħdu b'mod miftuħ u qrib iċ-ċittadini kemm jista' jkun, huma protetti fl-ambitu tal-Artikolu 10 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jiżguraw biżżejjed żmien għall-konsultazzjoni pubblika u t-trasparenza u jippubblikaw dokumenti pubbliċi b'mod proattiv;

17. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jerġgħu jibdew in-negozjati dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001[5] bl-għan li jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-UE jkunu jistgħu jeżerċitaw bis-sħiħ id-dritt tagħhom ta' aċċess għad-dokumenti u li jiskrutinizzaw l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE;

18. Jistieden lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment u bis-sħiħ l-iskemi taċ-ċittadinanza b'investiment u kwalunkwe skema jew programm nazzjonali simili oħrajn li jwasslu għall-akkwist taċ-ċittadinanza tagħhom u li jinvolvu l-bejgħ dirett jew indirett taċ-ċittadinanza tal-UE, peress li dawn huma oġġezzjonabbli mil-lat etiku, legali u ekonomiku, huma inkompatibbli b'mod inerenti mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera, jimminaw il-kunċett stess ta' ċittadinanza tal-UE u jiksru l-prinċipji u l-valuri tal-UE; ifakkar li dawn l-iskemi joħolqu diversi riskji serji għas-sigurtà għaċ-ċittadini tal-Unjoni, bħal dawk li jirriżultaw mill-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni; iqis li n-nuqqas ta' standards komuni li jirregolaw skemi li jagħtu residenza abbażi ta' investiment finanzjarju jista' joħloq ukoll riskji għas-sigurtà u jikkontribwixxi biex tiġi mminata l-integrità tal-Unjoni;

19. Jiddenunzja l-fatt li d-diskriminazzjoni fuq firxa ta' raġunijiet tippersisti madwar l-UE; ifakkar li l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE jipprojbixxi d-diskriminazzjoni bbażata fuq kwalunkwe raġuni, inkluż is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali; itenni l-ħtieġa li jiġu miġġielda d-diskriminazzjoni kontra persuni li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli u minoritajiet, u jtenni l-appell tiegħu għal sistema ta' protezzjoni komprensiva tal-UE li tinkorpora l-istrumenti tad-dritt internazzjonali eżistenti u ssegwi l-aħjar prattiki ppruvati fl-UE;

20. Jitlob li jitfassal statut taċ-ċittadinanza tal-UE, abbażi tal-Artikolu 25 tat-TFUE, li jiġbor u jaġġorna d-drittijiet eżistenti taċ-ċittadinanza u jistabbilixxi oħrajn ġodda; ifakkar li kemm l-abbozzar tal-istatut taċ-ċittadinanza tal-UE kif ukoll l-aġġornament ta' dawn id-

[5] Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

drittijiet ġodda għandhom jitwettqu fl-ambitu tat-Trattati;

21. Jitlob li klawżola orizzontali ta' nondiskriminazzjoni tiġi inkluża fl-istatut taċ-ċittadinanza tal-UE, bħala salvagwardja addizzjonali tal-ugwaljanza fl-eżerċizzju tad-drittijiet taċ-ċittadinanza, bil-ħsieb li jiġi żgurat livell uniformi ta' protezzjoni fl-Unjoni, abbażi tal-Artikolu 19 tat-TFUE, għal persuni li jappartjenu għal gruppi vulnerabbli u emarġinati;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tqis dawn il-proposti fir-rapport dwar iċ-ċittadinanza tal-UE għall-2023 li jmiss u tieħu l-passi meħtieġa biex timplimentahom skont il-proċedura prevista fl-Artikolu 25 tat-TFUE.

ANNESS: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT MINGĦANDHOM

Ir-rapporteur irċeviet kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

Entità u/jew persuna
Ir-rapporteur tiddikjara li ma rċeviet l-ebda kontribut minn xi entità jew persuna.

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Data tal-adozzjoni	28.11.2023
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 48 –: 9 0: 5
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Vladimír Bilčík, Malin Björk, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Annika Bruna, Damien Carême, Clare Daly, Lena Düpont, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Nicolaus Fest, Evin Incir, Sophia in ‘t Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Łukasz Kohut, Moritz Körner, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Pina Picierno, Birgit Sippel, Tineke Strik, Annalisa Tardino, Yana Toom, Milan Uhrík, Tom Vandendriessche, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Daniel Freund, José Gusmão, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Matjaž Nemec, Janina Ochojska, Jan-Christoph Oetjen, Kostas Papadakis, Silvia Sardone, Paul Tang, Petar Vitanov, Axel Voss, Tomáš Zdechovský
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Mathilde Androuët, Margrete Auken, Traian Băsescu, Tom Berendsen, Jarosław Duda, Rosa Estaràs Ferragut, Pär Holmgren, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Riho Terras

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

48	+
PPE	Traian Băsescu, Tom Berendsen, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Jarosław Duda, Lena Düpont, Rosa Estaràs Ferragut, Andrey Kovatchev, Jeroen Lenaers, Antonius Manders, Nadine Morano, Janina Ochojska, Axel Voss, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
S&D	Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Evin Incir, Marina Kaljurand, Łukasz Kohut, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemec, Pina Picierno, Birgit Sippel, Paul Tang, Petar Vitanov, Elena Yoncheva
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Maite Pagazaurtundúa, Yana Toom
Verts/ALE	Margrete Auken, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Damien Carême, Daniel Freund, Pär Holmgren, Tineke Strik
ECR	Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa

9	-
PPE	Rasa Juknevičienė, Riho Terras
ID	Mathilde Androuët, Annika Bruna, Nicolaus Fest, Tom Vandendriessche
The Left	Cornelia Ernst
NI	Kostas Papadakis, Milan Uhrík

5	0
ID	Silvia Sardone, Annalisa Tardino
The Left	Malin Björk, Clare Daly, José Gusmão

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni